REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL (UE) 2022/237

tal-21 ta' Frar 2022

li jimplimenta r-Regolament (UE) Nru 36/2012 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fis-Sirja

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 36/2012 tat-18 ta' Jannar 2012 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fis-Sirja u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 442/2011 ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 32(1) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

(1) Fl-1 ta' Awwissu 2011, is-Sur Mohammed Makhlouf inżdied mal-lista ta' persuni fiżiċi u ġuridiċi, entitajiet jew korpi soġġetti għall-miżuri restrittivi skont ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 755/2011 ([2]).

(2) Skont ir-Regolament (UE) Nru 36/2012, is-Sur Mohammed Makhlouf inżamm fuq il-lista ta' persuni fiżiċi u ġuridiċi, entitajiet jew korpi soġġetti għall-miżuri restrittivi.

(3) Fit-12 ta' Settembru 2020, is-Sur Mohammed Makhlouf miet. Peress li l-werrieta tiegħu huma kollha membri tal-familja Makhlouf, hemm riskju inerenti li l-assi li ntirtu jintużaw biex jiġu appoġġati l-attivitajiet tar-reġim Sirjan u jidħlu direttament fil-pussess tar-reġim, potenzjalment jikkontribwixxu għar-repressjoni vjolenti tar-reġim kontra l-popolazzjoni ċivili.

(4) Fid-dawl tal-gravità tas-sitwazzjoni fis-Sirja, u meta jitqies dan t'hawn fuq, jenħtieġ li jinżdiedu ħames membri addizzjonali tal-familja Makhlouf mal-lista ta' persuni fiżiċi u ġuridiċi, entitajiet jew korpi soġġetti għall-miżuri restrittivi fl-Anness II għar-Regolament (UE) Nru 36/2012.

(5) Għalhekk ir-Regolament (UE) Nru 36/2012 jenħtieġ li jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness II għar-Regolament (UE) Nru 36/2012 huwa emendat kif jinsab fl-Anness għal dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fid-data tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-21 ta' Frar 2022.

Għall-Kunsill
Il-President
J. BORRELL FONTELLES

([1]) ĠU L 16, 19.1.2012, p. 1.
([2]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 755/2011 tal-1 ta' Awwissu 2011 li jimplimenta ir-Regolament (UE) Nru 442/2011 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fis-Sirja (ĠU L 199, 2.8.2011, p. 33).

ANNESS

L-entrati li ġejjin jinżdiedu mal-lista li tinsab fit-Taqsima A (Persuni) tal-Anness II għar-Regolament (UE) Nru 36/2012:

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
"318.	Hala Tarif ALMAGHOUT هلا طريف الماغوط	Sess: Mara Data tat-twelid: 30.6.1980 jew 30.7.1980	Armla ta' Mohammed Makhlouf. Membru tal-familja Makhlouf.	21.2.2022
319.	Ghada Adib MHANNA غاده أديب مهنا	Sess: Mara Data tat-twelid: 22.5.1948	Armla ta' Mohammed Makhlouf. Membru tal-familja Makhlouf.	21.2.2022
320.	Shalaa Mohammed MAKHLOUF مخلوف شهلاء محمد	Sess: Mara Data tat-twelid: 22.3.1967	Bint Mohammed Makhlouf .Membru tal-familja Makhlouf.	21.2.2022
321.	Kinda Mohammed MAKHLOUF كندا محمد مخلوف	Sess: Mara Data tat-twelid: 25.9.1977	Bint Mohammed Makhlouf. Membru tal-familja Makhlouf.	21.2.2022
322.	Sara Mohammed MAKHLOUF ساره محمد مخلوف	Sess: Mara Data tat-twelid: 27.8.1984	Bint Mohammed Makhlouf. Membru tal-familja Makhlouf.	21.2.2022"